**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 31 ta' Mejju 2016**

Rikors Guramentat Nru. 253 / 06RGM

Kawza fil-lista: 5

**A B *sive* A B C u b'digriet datat 25 ta' Mejju 2016 l-isem ghandu jaqra bhala A C gja B**
**vs**
**D *sive* E B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

(i) iz-zwieg li gie ccelebrat nhar is-Sibt, 11 ta' Lulju tal-1998, fil-Kappella tal-Madonna ta' Lourd gewwa l-Furjana bejn il-kontendenti konjugi B tkisser irrimedjabilment, minghajr ebda tama ta' rikonciljazzjoni, u dana b'tortijiet unikament atribwibbli lill-konvenut / intimat D B.

(ii) partikolarment iz-zwieg tfarrak irrimedjabilment minhabba l-adulterju da parti ta' D B partikolarment ma' certu Josephine Grech, kif ukoll ghal ragunijiet li jemanixxu mill-Artikolu 40 tal-Kapitolu 16. fosthorn 1-eccessi. il-mohqrija, theddid jew offizi gravi da parti tal-konvenut ' intimat li ghamel il-hajja flimkien impossibli li tghixha fiz-zwieg u li dana gab mieghu it-tkissir irrimedjabbli minghajr ebda tama ta' rikonciljuzzjoni ta' dana z-zwieg jew allegat zwieg.

(iii) id-dar konjugali sitwata f "Hollingworth". Triq il-Gandofla, gewwa Birzebbuga: BBG 07, flimkien mal-garage adjacenti u sottopost, bid-deskrizzjoni u dettalji moghtija f'Dokumenti mehmuza mal-elenku ta' dokumenti f'din il-kawza odjerna, ghandhom jigu assenjati lill-Attrici / Rikorrenti u dana kemm fid-dawl tal- Vjolenza Domestika da parti tal-Konvenut / Intimat, kemm minhabba l-adulterju da parti tal-Intimat / Konvenut, u dana in kumpens anka tal-ispejjez li l-Attrici Rikorrenti ghamlet biex arrediet b'mobbli u mobilja l-intern tad-dar konjugali u anke tal-garage sottopost u adjacenti mal-istess dar konjugali, u allura jekk ikun il-kaz il-konvenut / intimat ghandu jinghata kumpens b'cifra li tkun tirrispekkja t-tnaqqis mhux biss tas-sehem indiviz fil-proprjeta' mobiljari da parti tal-attrici rikorrenti, imrna anka tal-ispejjez li wettqet fid-dar konjugali u l-garage adjacenti, skont id-dokumenti hawn esebiti, id-Dikjarazzjoni Guramentata, u anka provi, evidenza u dokumenti li jitressqu fil-mori ta' din il-kawza.

(iv) id-Digriet tal-Qorti Civili : Sezzjoni tal-Familja tat-13 ta' Gunju, 2006, li a bazi tieghu 'pendente lite', il-Konvenut Intimat gie ordnat jallontana ruhu mid-dar konjugali minhabba l-agir ta' Vjolenza Dornestika tieghu fuq il-persuna ta' l-attrici rikorrenti u anka bit-tifrik u tkissir ta' mobbli u mobilja fid-dar konjugali, ghandu jsir digriet permanenti b'mod illi f'kull kaz u taht kwalsiasi raguni, id-dar konjugali ghandha tigi assenjata bhala residenza personali tal-attrici / rikorrenti, anka jekk din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun minghajr ebda forma ta' kumpens lill-intimat / konvenut li formalment effettivament mit-13 ta ' Gunju, 2006 kellu jitlaq mid-dar konjugali b'ordni ta' dina l-Onorabbli Qorti bid-digriet citat skont ma jindika l-anness dokument fl-elenku tad-dokumenti, Dokument Alpha 2.

(v) fir-rigward tal-manteniment da parti tal-Konvenut / Intimat versu 1-Attrici / Rikorrenti, ghandu jkun hemrn rizervat il-possibilita' li l-intimat / konvenut jivversa retta alimentari lill-komparenti martu attrici / rikorrenti u dana minkejja l-fatt li hija mpjegata 'full time' mal-Malta Stock Exchange (il-Borza ta ' Malta), imrna ghal kull buon fin l-Attrici / Rikorrenti ma hija bl-ebda mod mhux qieghda tirrinunzja ghad-dritt taghha li tircievi retta alimentari u kwalsiasi forma ta' assistenza finanzjarja da parti tal-konvenut / intimat zewgha u dana kemm fil-mori tal-kawza a bazi tal-Artikolu 46 (a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll a bazi tal-Artikolu 54 tal-istess Kapitolu 16 (Kodici Civili) tal-Ligijiet ta' Malta.

(vi) ghandu jkun applikat bil-qawwa u bis-sahha kollha tieghu l-Artikolu 48 sub artikolu wiehed tal-Kodici Civili, b'mod illi paragrafi (a), (b), (c) u (d), dawn il-paragrafi kollha tas-sub-artikolu wiehed tal-Artikolu 48 kif ukoll 1-effetti tas-sub-artikolu tnejn tal-istess Artikolu 48 ghandhorn ikunu applikabbli rigorozikarnent bl-estenzjoni massima u effettivita' u enforzabilita' taghhom skont il-ligi kontra l-Konvenut / Intimat D sive E B maghruf bhala l-Girbi.

(vii) ghandhom ikunu applikati, sa fejn aplikabbli, fid-diskrezzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti, l-Artikoli 51,52 u 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta a favur l-attrici / rikorrenti u kontra l-Konvenut / Intimat, u dana fid-dawl tal-provi li jirrizulta lil dina l-Onorabbli Qorti fil-mori tal-kawza.

(viii) ghandu jkun applikat favur l-Attrici u fid-diskrezzjoni ta' dina 1-Onorabbli Qorti l-Artikolu 54 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta mis-sub-artikolu (l) sas-sub-artikolu (7), iz-zewg sub-artikoli nkluzi, partikolarment anka l-possibilita li din l-Onorabbli Qorti tqies illi l-Artrici / Rikorrenti tircievi somma 'in toto' bhala kumpens generali da parti tal-Konvenut / Intimat biex b’hekk wara li formalment jintemmu dawn il-proceduri, ir- rikorrenti l-attrici ma jkollha qatt aktar x 'taqsam mal-konvnut / intimat u ghalhekk fid-dawl ta' dawn it-talbiet qed jintalab li d-dar konjugali ghandha ssir ir-residenza ordinarja tal-attrici / rikorrcnti. ghandha tinghata somma generika bhala kumpens, u li b’mod definittiv il-konvenut / intimat ghandu jibqa' rnhux biss ghal dejjem barra mid-dar konjugali li ghandha ssir ir-residenza ordinarja tal-attrici / rikorrenti, imrna bl-aktar mod kategoriku 1-konvenut / intimat m’ghandu qatt aktar ikollu ghalfejn x'jirreferi aktar ghall-attrici / rikorrenti.

(ix) u tordna illi fil-kuntest tat-talbiet precedenti, dina l-Qorti ghandha tordna li bil-firda personali moghtija permezz ta' sentenza, ghandu jintemm ghall-effetti kollha civili u kummercjali l-obbligu ta' bejn il-kontendenti konjugi B li jghixu flimkien, li jikkoabitaw flimkien, li jkun hemm xi htiega ta' xi kunsens jew awtorizzazzjoni (implicita jew esplicita), jew xi forma ta' perrness da parti ta' naha ghall-ohra jew vice versa u li b 'effett mid-data ta' din is-sentenza l-ebda parti ma jkollha l-jedd li b'xi mod tindahal fl-operat tan-naha l-ohra jew vice versa u li kull naha tkun assolutament hielsa li tghix il-hajja civili u kummercjali taghha b'mod liberu minghajr ebda forma ta' awtorizzazzjoni, kunsens implicitu jew esplicitu jew permessi da parti tan-naha l-ohra u vice versa.

(x) ghandha tigi likwidata l-Komunjoni tal-Akkwisti ta' bejn il-kontendenti konjugi B u dana a bazi tal-prospett guramentat li qeghda tesebixxi l-attrici / rikorrenti mal-elenku ta' dokumenti fir-raba' taqsima ta' din il-kawza odjerna, jew fil-mori tal-kawza permezz ta' affidavit ulterjuri jew noti ulterjuri jew rikorsi ulterjuri li tista' taghmel l-attrici / rikorrenti, inkluz is-sottomissjonijiet fl-eventwali nota ta' osservazzjonijiet / sottomissjonijiet legali bbazati fuq il-fatti li jirrizultaw fil-mori ta ' din il-kawza.

(xi) ghandha tigi mghoddija lura lill-attrici l-proprjeta' kollha mobbli u mobilja parafernali taghha jew dignotarja jew dik li setghet akkwistat permezz ta ' wirt u dana anka fid-dawl tal-interpretazzjoni generika tal-istess Artikolu 55 fl-intier tieghu kollu tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz li jekk ikun hernm xi

arretrati f'termini ta' finanzi dovuti da parti tal-intimat konvenut lill-attrici / rikorrenti dawn ghandhom jigu ri-imburzati lura bl-imghaxijiet legali ta' tmienja fil-mija lill-istess attrici / rikorrenti mill-istess konvenut / intimat zewgha.

(xii) ghandu jkun applikat bl-aktar mod favorevoli versu l-attrici / rikorrenti u kontra l-konvenut / intimat l-effetti kollha tal-Artikolu 55A tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. fis-sens illi ghandu jkun bl-aktar mod kategoriku deciz li fid-dar taz-zwieg li ghandha ssir residenza ordinarja ghandha tibqa' tirrisjedi biss l-attrici / rikorrenti kif effettivament ilha hekk taghmel minn nhar il-Hamis, 13 ta' Lulju, 2006, id-data li gie effettivament in vigore d-Digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 13 ta' Gunju, 2006, u dan skont kif jirrizulta anka mid-dokumenti mehmuza mal-elenku tad-dokumenti, b'riferenza partikolari ghad-dokument Alpha 2.

(xiii) li mad-dar konjugali kif indikata fit-talbiet precedenti, ghandu jkun inkluz it-garage adjacenti u sottopost il-fond immobiljari maghruf bhala d-dar konjugali, u dan considerando li dan il-garage jifforma parti ntegrali mill-istess dar konjugali anka fid-dawl tad-dokurnenti esebiti, u anke fid-dawl ta' rikorsi opportuni li sehhew u d-digriet rilevanti li hargu minnhom, b’mod illi l-konvenut / intimat ghandu jibqa' ordnat li mhux biss qatt ma jirritorna fid-dar konjugali imma fid-dar konjugali kompriz il-garage adjacenti u sottopost li hemm mad-dar konjugali u li fih is-servizzi essenzjali tad-dawl u tal-ilma li jissuplixxu dawn is-servizzi bazici lill-istess dar konjugali adjacenti u sovraposta, ossija "Hollingworth", fi Triq il-Gandofla gewwa Birzebbuga, BBG 07.

(xiv) a bazi ta' artikolu 62 sub-artikolu (l) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-attrici / rikorrenti A B ghandha tirriverti ghal kunjom xbubitha ossija C u dana bis-sahha moghtija mill-istess ligi fl-Artikolu msemmi 62 sub-artikolu (l) u fejn kategorikament l-attrici / rikorrenti ma tridx li tkun aktar maghrufa bil-kunjorn ta' zewgha l-konvenut / intimat ossija B imma trid li fl-atti kollha tal-hajja civili u kummercjali taghha wara s-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti tigi ndikata bhala C.

(xv) ghandhom ikunu applikabbli l-Artikoli 62 A u 66 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, fis-sens illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tawtorizza u tordna lill-awtoritajiet kompetenti biex mhux biss jirregistraw is-sentenza tal-firda legali personali ta' l-attrici / rikorrenti imma anka jirregistraw it-tibdil fil-kunjom taghha minn B ghal C u li dan it-tibdil ghandu jigi specifikatament indikat fic-certifikat taz-zwieg tal-attrici / rikorrenti, certifikat li ghandu n-numru progressiv tar-registrazzjoni 1342/5 ta' Awissu, 1998, u marriage registry number: 1122/1998, biex b'hekk kull min hu nteressat ikun jaf li l-attrici / rikorrenti rrevertiet ghal kunjom xbubitha C ghal kull buon fin fil-fatt u fid-dritt.

(xvi) l-attrici / rikorrenti m' ghandha tbati ebda forma ta' spejjez, la dawk gudizzjarji u lanqas extra gudizzjarji, inkluz ta' kwalsiasi Atti Gudizzjarji ancillari u ncidentali, konsegwenzjali u sussegwenzjali ghall-intavolar ta' dawn il-proceduri ghall-firda legali personali, inkluz dawk antecedenti tal-Medjazzjoni, u proceduri li saru fil-perjodu interventarju bejn il-proceduri tal-Medjazzjoni u l-intavolar tal-kawza odjerna a bazi tad-Digriet ta' dina 1-Onorabbli Qorti tal-4 ta' Lulju, 2006. liema spejjez kollha, gudizzjarji u extra gudizzjarji, komplessivament ghandhom jigu mposti biex jigu sopportati mill-konvenut / intimat zewgha D sive E B (il-Girbi).

(xvii) fl-eventwalita' tal-kontumacja tal-konvenut / intimat wara li jigi debitament notitikat bdawn l-atti ta' din il-kawza odjerna, biex il-progress f'din il-kawza ma jigi b'ebda mod imfixkel, ghandhom jigu mahtura kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti intimat konvenut jekk ikun il-kaz u jekk dan ikun skont il-ligi waqa' kontumacja, u dana biex jigu mharsa 1-jeddijiet kollha tal-attrici / rikorrenti. biex b'hekk il-gustizzja mhux biss issir imma tidher li qeghda ssir. Hekk Alla jghini!

(xviii) dina l-Onorabbli Qorti ghandha taghti dawk il-provedimenti kollha opportuni li jidhrilha xieraq u gust li taghti u tordna fis-setghat li legalment ghandha u partikolarment a bazi tat-talbiet attrici kif hawn fuq sueposti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Preliminarjament illi r-rikors guramentat promutur huwa null stante li ma jsegwix il-voti li trid il-Ligi ai termini tal-artikolu 156 et seq u 159 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi preliminarjament ukoll r-rikors guramentat promutur huwa null stante li ma fihx it-twissija ai termini tal-artikolu 156(1) (d) liema rekwizit huwa mehtieg ad validitatem skont il-Ligi.

3. Illi fil-meritu, ghalkemm huwa minnu li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser b'mod irrimedjabbli u hemm lok ghal separazzjoni personali bejniethom, dan pero' gara biss minhabba tortijiet u htijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-attrici u ghalhekk it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Di fatti l-eccipjenti qieghed jipprevalixxi ruhu mid-dritt lilu mghoti tal-Kontro-Talba sabiex jirribadixxi dan kollu. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess attrici.

4. Salvi, jekk ikun il-kaz, risposti ossia, eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-Kontro-talba tal-konvenut li permezz taghha ppremetta u talab is-segwenti:

Li qed jipprevalixxi ruhhu mill-beneficcju tal-Kontro-Talba lilu moghti mill-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Li l-kontendenti zzewgu fil-11 ta' Lulju 1998;

Li minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kelllhomx tfal;

Li l-attrici rikonvenzjonata rrendiet il-hajja matrimonjali bejn il-kontendenti impossibbli, inter alia permezz ta' sevizzi,mohqrija,theddid u offizi gravi da parti taghha fil-konfront tal-istess konvenut rikonvenzjonant,u kif ukoll iz-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku tal-istess attrici rikonvenzjonata;

Li l-kontendenti gew debitament awtorizzati biex jipprocedu bl-istanti permezz ta' digriet appositu tal-Onorabbli Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja;

Talab li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna, li;

Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minnhabba tortijiet unikament u esklusivament imputabbli lill-attrici rikonvenzjonata kif fuq spjegat u tawtorizza lill-konvenut rikonvenzjonant jghix separatament minn ma l-attrici;

Tiddikjara li l-attrici rikonvenzjonata iddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand il-konvenut zewgha rikonvenzjonant, mentri il-konvenut jibqalu d-dritt li jesigi minn ghand l-attrici martu l-hlas ta' manteniment ghalih;

Tillikwida jekk ikun il-kas, ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-attrici lill-konvenut ghalih, fil-waqt li tordna u tikkundana lill-istess attrici rikonvenzjonata sabiex thallas dik r-retta alimentarja hekk likwidata u tordna li dawn l-alimenti jigu direttament mnaqqsa mis-salarju mill-impieg taghha bi standing order u tipprovdi kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u awmentat kull sena biex jirrefletti z-zieda fil-gholi tal-hajja;

Tapplika kontra l-attrici rikonvenzjonata l-effetti in toto jew in parte tal-Artikoli 48 sa 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza il-komminazzjoni li tilfet kull dritt li tiret lill-konvenut;

Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li l-attrici

rikonvenzjonata hija unikament hatja ghas-separazzjoni personali u tassenja porzjon lill-konvenut u porzjon lill-attrici ‘ope sententiam’ u tinnomina nutar sabiex jircevi ml-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi biex jirrappresentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

Tikkundanna lill-attrici rikonvenzjonata tirrestitwixxi lill-konvenut il-beni kollha dotali u/jew parafernali tieghu li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dana f’zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilha prefiss, u fin-nuqqas tikkundannaha thallas lill-konvenut dik is-somma li ghandha tigi likwidata, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali sudetti;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk quddiem il-Qorti Civili u tal-Medjazzjoni kontra l-attrici ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tat-13 ta’ Gunju 2006 li bih l-intimat gie ordnat li jallontana ruhu mid-dar matrimonjali fiz-zmien xahar, okkorrendo bl-assistenza tal-Marixall tal-Qorti u tal-Pulizija Ezekuttiva u dan billi rrizulta lill-Qorti li r-rikorrenti kienet vittma ta’ vjolenza morali u fizika fuq il-persuna taghha da parti tal-intimat;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tat-28 ta’ Awwissu 2006, fejn il-konvenut gie ordnat li ghall-finijiet ta’ notifika jiddikjara il-post residenzjali attwali tieghu u dan permezz ta’ nota fi zmien hamest ijiem utili;

Rat ir-risposta guramentata tal-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut fejn iddikjarat;

1. Li l-konvenut sfida it-termini imposti mill-ligi billi it-terminu ghall-presentata tar-risposta guramentata tieghu skada fit-13 ta’ Novembru 2006 mentri l-istess risposta giet ippresentata fil-15 ta’ Novembru 2006, li l-konvenut gie awtorizzat mill-Qorti jippresenta r-risposta guramentata tieghu fl-udjenza tal-15 ta’ Novembru 2006, minnkejja li kien kontumaci, u ghalhekk gie li accetta r-rikors ippresentat mill-attrici u l-eccezzjoni preliminari tieghu ma ghad baqghalha ebda bazi la legalment u l-anqas fattwalment.

2. Li l-attrici tistaqsi jekk kienx att deliberat da parti tal-konvenut li r-risposta guramentata tieghu notifikata lill-attrici ma kienitx tinkludi il-Kontro-talba tieghu.

3. Li l-ewwel eccezzjonijiet preliminari huma bla bazi legali u fattwali.

4. Li dwar it-tielet eccezzjoni tal-konveut, hemm kontradizzjoni billi hu ddikjara li jaqbel li z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli u hemm lok ghas-separazzjoni personali, pero' jiddikjara li t-talbiet tal-attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

5. Li ser issir twegiba dwar il-kontro-talbiet tal-konvenut.

6. Li t-talbiet tal-attrici u l-eccezzjonijiet taghha ghall-kontro-talba tal-konvenut ghandhom jigu milqugha meta wiehed jiehu l-assjem fit-totalita' tieghu tad-dokument tal-kawza tal-Firda Legali fosthom id-dikjarazzjoni guramentata taghha u kwantita' ta' dokumenti li l-attrici annettiet mar-rikors.

7. Li l-attrici ma ghandha tbaghti l-ebda spejjez billi l-konvenut b'ebda mod ma ikkontesta frazi wahda mid-dikjarazzjoni guramentata tal-attrici.

8. Li l-attrici taghamel referenza ghall-Premessi, Talbiet, Dikjarazzjoni Guramentata, Lista tax-Xhieda, u Elenku dettaljat ta' Dokumenti li l-attrici annettiet mar-Rikors ippresentat fit-2 ta' Awwissu 2006.

9. Li hu l-istess konvenut li ma addottax dak li hu mitlub minni mill-ligi billi naqqas li jinnotifika lill-attrici bid-dokument intier, kif konfermat mid-dokument anness u market Dokument TA1, ir-Risposta guramentata tal-konvenut u il-kontro-talba, ma kienitx tinkludi dik il-parti tad-dokument fejn huma elenkati t-talbiet tal-kontro-talba.

10. Li l-konvenut jirriproduci fl-interezza tieghu l-Artikolu 40 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, izda ma jaghamel l-ebda referenza ghall-Artikolu 38 tal-Kodici Civili u r-rabtiet mal-Artikoli 41 u 48 tal-istess Kodici Civili, billi l-intimat jaf tajjeb li hu adulteru u qarraq bl-attrici, sa minn qabel iz-zwieg, tant li l-attrici ipprocediet b'kawza ta' annullament taz-zwieg Rikors Numru 294/06.

11. Li dwar l-ewwel kontro-talba, fejn il-konvenut ma jghid xejn hlief li t-tifrik taz-zwieg kien it-tort uniku tal-attrici, l-istess attrici taghmel referenza ghad-dokumenti kollha gia' minnha ppresentati u ghall-affidavits li hadd ma kellhiex l-opportunita' li tippresenta, u li ser jigu ppresentati fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2006.

12. Li dwar it-tieni talba fil- kontro-talba, hu l-istess konvenut, u mhux l-attrici, li ddekada mid-dritt li jitlob manteniment minn ghand l-attrici, billi kien l-istess konvenut li ikkommetta adulterju ma diversi nisa u partikolarment ma dik presenti li jikkoabita maghha f'appartament fil-Qajjenza.

13. Li dwar it-tielet talba fil-kontro-talba tal-konvenut, li qed jitlob manteniment mill-attrici, din hi talba frivola u vessatorja, billi l-istess konvenut jaf li

ikkommetta adulterju partikolarment ma din presenti, Josephine Grech, apparti nisa ohra, li kien jiffrekwenta kemm qabel iz-zwieg ma l-attrici, kif ukoll waqt l-istess zwieg, u aktar u aktar meta l-konveut gie ordnat b'ordni tal-Qorti jollontana ruhu mid-dar konjugali.

14. Li l-konvenut ma ghamel l-ebda dikjarazzjoni ta' fatti fl-eccezzjonijiet u fil-kontro-talba tieghu, kien ripettitiv u generiku, nnotika lill-attrici b'dokument li kien nieqes minn parti importanti tieghu, u ma qal xejn fil-konfront tal-attrici li ppresentat kwantita' ta' dokumenti in sostenn tal-allegazzjoni taghha dwar l-irresponsabilita' in-nuqqas ta' maturita', l-adulterju, l-arroganza u il-vjolenza tal-konvenut.

15. Li r-raba' talba fil-kontro-talba ghandha tigi michuda billi fic-cirkostanzi assolutament mhux il-kas li jigu applikati kontra l-attrici s-sanzjonijiet elenkati fl-Artikoli 48 sa 52 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

16. Li dwar il-likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti u l-apporzjonament tal-istess, dan ghandu jkun principalment a beneficcju tal-attrici billi l-assi tal-istess kienu r-rizultat tal-hidma, l-ghalaq,l-bzulija u l-professjonalita' tal-attrici.

17. Li dwar is-sitt talba fil-kontro-talba, li l-attrici tirrestitwixxi l-beni kollha dotali jew parafernali tal-konvenut ghandha tigi michuda billi l-konvenut ma gab l-ebda propjeta' dotali u/jew parafernali fiz-zwieg.

18. Li l-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

19. Li l-attrici ma ghandha l-ebda tort li dan iz-zwieg tkisser irrimedjabilment, kien il-konvenut li ma zamm l-ebda obbligu neccessarju li jirrekjedi z-zwieg, kien vjolenti, ma kienx jikkontribwixxi ghall-ispejjes tal-hajja, ma kienx jhallas il-kontijiet tas-servizzi bazici, ma riedtx ikollu relazzjonijiet intimi mal-attrici, u kien baqa' hsiebu fil-mahbuba tal-passat tieghu.

20. Li ma riedx li jkollu tfal mill-attrici, lill-martu riedha biss biex isseftirlu u iggieblu l-flus id-dar.

21. Li l-attrici tichad li kienet hi li rrendiet il-hajja matrimonjali mpossibbli u tichad li wettqet sevizzji, mohqrija, theddid u offizi gravi fil-konfront tal-konvenut. Kien l-istess konvenut li kien vjolenti maghha, u dan l-atteggjament aggressiv l-Qorti kellha l-opportunita' li tara meta b'zewg digrieti u kwerela il-konvenut gie ordnat jallontana ruhhu mid-dar konjugali u l-garage sottopost u adjacent.

22. Li l-attrici ghandha zewg verbal ital-Qorti tal-Magistrati dwar vjolenza domestika u ‘pretended right’. Ghalkemm l-konvenut gie ammoniet mill-Qorti biex ma jersaqx lejn id-dar matrimonjali, dan xorta baqa’ jaghamlu billi halla xi affarjiet warajh bhal ghasafar hajjin, u jrid li jmur personalment biex jigborhom.

23. Li l-konvenut ma gab xejn mieghu meta zzewgu, hllief borma antika ta’ nantu,sett tal-platti li jiswew erba’ Liri Maltin, zewg frames, rigali tat-tieg u xi ghodda tal-welding.

24. Li z-zwieg tfarrak irrimedjabilment ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut li ghandu jbaghti l-ispejjes kollha, l-attrici ghandha tigi kkumpensata mill-konvenut li harbtilha l-aspettativi kollha taghha u bidlilha r-rotta ta’ hajjietha li hi bniet b’tant sagrificcju u mhabba.

Rat d-dikjarazzjoni guramentata tal-attrici, l-affidavit ta’ Stephanie Galea, li tahdem fil-Borza ta’ Malta fejn tahdem l-attrici, ta’ Joseph Farrugia, li ukoll jahdem fil-Malta Stock Exchange bhala’ senior messanger/driver, ta’ Stephanie Critien, Manager fil-Borza ta’ Malta, ta’ Elaine Aquilina u Claire Caprio Mangion, kollegi ohra fuq ix-xoghol tal-attrici, ta’ Polly Axiaq, iz-zija tal-attrici, ta’ Frankie C, hu l-attrici, ta’ martu Marylou C, ta’ Mary C, omm l-attrici, ta’ Odette C, mart Victor, hu l-attrici, ta’ l-istess Victor C, hu l-attrici, ta’ Joseph C, missier l-attrici u ta’ Miriam Turner;

Rat l-affidavit tal-konvenut anness ma nota ppresentata fid-9 ta’ Gunju 2010;

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili Sezzjoni Familja tas-6 ta’ Dicembru 2007 tal-kawza fl-istess ismijiet, Rikors Guramentat Numru 294/06NC fejn gie dikjarat null u bla effett fil-ligi z-zwieg tal-partijiet kuntrattat fil-11 ta’ Lulju 1998. Giet milqugha t-talba tal-attrici biex tirreverti ghall-kunjom xbubitha.

Rat l-affidavit ulterjuri tal-attrici mahluf fil-25 ta’ Ottubru 2010;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-25 ta’ Mejju 2011, meta l-Qorti nnominat lill-Komputista William Spiteri Bailey, a spejjes tal-attrici biex jezamina l-konteggi pprezentati mill-attrici;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-18 ta’ Ottubru 2011, fejn il-Qorti osservat li f’dan l-istadju baqa’ biss l-aspett patrimonjali tal-kawza, stante li z-zwieg bejn il-partijiet jinsab annullat; il-propjeta’ tal-komunjoni tikkonsisti fid-dar konjugali u l-garage adjacenti, l-oggetti mobbli li hemm fil-garage u krediti pretizi mill-attrici;

Rat in-nota tal-Avukat Dottor Noel Bartolo, ppresentata fid-19 ta' Frar 2013, u dik tal-Avukat Dottor E Abela, ppresentata fl-1 ta' April 2014, li ddikjaraw li kienu qed jirrinunzjaw ghall-patrocinju tal-konvenut;

Rat ir-rapport tal-Perit Komputista, mahluf fit-18 ta' Gunju 2013;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dottor Sandra Sladden, mahlufa fis-16 ta' Frar 2016;

Rat in-nota ta' kritika tal-attrici ppresentata ppresentata fl-14 ta' Marzu 2016;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET;**

Il-partijiet izzewgu fil-11 ta' Lulju 1998, u ma kellhomx tfal. Iz-zwieg taghhom gie dikjarat null u bla effett fil-ligi b'sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tas-6 ta' Dicembru 2007 li ghaddiet in giudikat.

B'verbal registrat fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2011, il-Qorti osservat, li billi z-zwieg gie annullat, kien baqa' biss l-aspett patrimonjali tal-kawza. Fl-istess verbal gie rilevat li l-propjeta' tal-komunjoni tikkonsisti fid-dar konjugali u l-garage adjacenti, l-oggetti mobbli li hemm fil-garage u l-krediti pretizi mill-attrici.

Il-Perit Legali fir-rapport taghha, in vista tal-verbal citat 'supra'ddikjarat li kienet ser tillimita ruhha biss ghal dan l-aspett, u ddikjarat li kien qed jigi addottat, fl-intier tieghu ir-rapport tal-Perit Komputista l-Awditur William Spiteri Bailey, li kien gie minnu ippresentat fil-15 ta' Mejju 2013, u li kien gabar il-provi kollha dwar l-aspett patrimonjali.

Gew ipprezentati fil-kors ta' din il-kawza ta' separazzjoni personali, numru konsiderevoli ta' affidavits voluminuzi, li illum m'ghadhomx tant rilevanti billi l-kawza ta' separazzjoni giet superata bid-decizjoni li ddikjarat iz-zwieg tal-partijiet bhala null u bla effett fil-ligi.

Il-Perit Legali waslet ghall-konkluzjoni li ghandha tigi adotta l-proposta tal-Perit Komputista[1] li hi s-segwenti:

[1] Fol. 1586

1. Lill-attrici A C tigi assenjata sehem il-konvenut mill-fond , Hollingworth, Triq il-Gandofla, Birzebbugia u l-Garage adjacent b'valur dan is-sehem indiviz ta' Euro 81,515.00 (cioe' nofs l-istima ta' Lm70,000 ie.nofs €163,030).

2. Lill-attrici A C tigi assenjata l-vettura Kia Avella Numru ta' Registrazzjoni JBG 213 li ghandha valur ta' Euro700.

3. L-konvenut D B, ghandha tigi lilu assenjata, il-vettura Motorvan Tata Sumo Numru ta' Registrazzjoni ANT 067, li nxtrat qabel iz-zwieg; d-dghajsa "Sweet Carol" MFB 744 li nxtrat f'Marzu 2003 u li ghandha valur ta' Euro7,454; il-fregatina li nxtrat matul iz-zwieg f'Dicembru 1999, li ghandha il-valur ta' Euro1,048, kif ukoll l-assi l-ohra li nxtraw matul iz-zwieg li ghandhom il-valur ta' Euro466.

**ZWIEG PUTATTIV WARA ANNULLAMENT – GURISPRUDENZA.**

Ghalkemm l-annullament ta' zwieg ifisser li zwieg ma kienx hemm mill-bidunett; mhux kull annullament igib l-istess effetti f'dak li jirrigwarda l-aspett patrimonjali tal-vertenza.

**Artikolu 20 tal-Att dwar iz-Zwieg** (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi illi:-

*(1) Jekk żwieġ ikun dikjarat null l-effetti ta' żwieġ validu għandhom jitqiesu li kienu jeżistu, favur il-miżżewġin sakemm is-sentenza ta' nullità tkun saret res judicata meta l-miżżewġin ikunu żżewġu in bona fide.*

*(2) L-effetti ta' żwieġ validu jitqiesu li dejjem kienu jeżistu għal dak li jirrigwarda t-tfal li jitwieldu jew konċepiti matul żwieġ dikjarat null kif ukoll għal dak li jirrigwarda tfal li jitwieldu qabel dak iż-żwieġ u li jkunu rikonoxxuti qabel ma tingħata s-sentenza ta' nullità.*

*(3) Jekk waħda biss mill-partijiet kienet in bona fide dawk leffetti japplikaw favur tagħha u favur l-ulied.*

*(4) Jekk ebda waħda mill-partijiet ma kienet in bona fide l-effetti ta' żwieġ validu għandhom japplikaw biss favur l-ulied li jitwieldu jew konċepiti matul iż-żwieġ dikjarat null.*

*(5) Minkejja kull disposizzjoni oħra, min mir-raġel jew il-mara jkun responsabbli għan-nullità taż-żwieġ, ikun obbligat iħallas manteniment lill-parti l-oħra li tkun in bona fide għal perijodu ta' ħames snin, liema obbligu jispiċċa jekk il-parti in bona fide tiżżewweġ matul dak iż-żmien.*

Fil-kawza fl-ismijiet "**Stellini vs Tabone"** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-31 ta' Jannar 2008 (Citaz nru 2613/1998NC) fejn il-mertu kien simili ghal dak tal-odjerna kawza, intqal hekk:-

" Illi in tema legali jigi osservat li l-kuncett ta' zwieg putattiv gie introdott fis-sistema guridiku nostrali bl-Att numru XXXIV tas-sena 1981 li ssostitwixxa l-Artikolu 20 li kien vigenti dak iz-zmien; u dana bhala eccezzjoni ghall-principju li "quod nullum est, nullum producit effectum" u huwa primarjament intiz biex jikkawtela d-drittijiet tat-tfal li jkunu twieldu fiz-zwieg li sussegwentement jigi dikjarat null; izda mhux biss, ghax permezz ta' dan l-artikolu l-legislatur ried ukoll jikkawtela l-effetti civili tal-konjugi li jkunu, jew tal-konugi li jkun, in buona fede. L-iskop tal-legislatur f'dan ir-rigward jirrizulta car minn qari tad-disposizzjoni tal-ligi, u jsib konfort qawwi fid-diskussjonijiet li saru meta din l-ligi kienet qed tigi diskussa fil-Parlament (Vide Parlamentary debates-Seduta numru 531 mizmuma 29 ta' Lulju 1981)
.
In propositu, il-Ministru tal-Gustizzja ta' dak iz-zmien qal 'inter alia' hekk:

" U allura hawnhekk qed noholqu effetti civili ghal dak iz-zwieg li jkun gie annullat u jissejjah zwieg putattiv. It-tfal jibqghu dejjem ikkunsidrati legittimi...(ommissis) Barra minn hekk, qedin niehdu hsieb li sakemm ikun hemm iz-zwieg li ma giex annullat, dak il-periodu ghandu, ghall-aspett civili, jitqies li z-zwieg ezista. Jigifieri dawk li huma drittijiet, per ezempju...." u l-Onorevoli Ministru jkompli biex jaghti ezempji dwar id-drittijiet patrimonjali tal-konjugi; u jishaq fuq il-fatt li bejn il-konjugi, il-ligi hija intiza biex tipprotegi dak il-konjugi li jkun in buona fede, kontra il-mala fede tal-konjugi l-iehor, distinzjoni li nsibuha fil-ligi Taljana; u aktar 'il quddiem fid-diskors tieghu isemmi propju il-kaz ta' eskluzjoni positiva bhala ezempju ta'mala fede da parti tal-konjugi.

Mill-premess jirrizulta car li l-Artikolu 20 ma jirrigwardax biss l-istatus tal-konjugi u ta' uliedhom wara l-annullament taz-zwieg, izda jirrigwarda ukoll l-effetti civili patrimonjali tal-konjugi. Dan jirrizulta car ukoll mill-kontenut tas-sub inciz (5) li jimponi fuq il-konjugi li jkun responsabbli ghall-annullament taz-zwieg, l-obbligu li jmantni ghal perijodu kwinkwennali, lill-konjugi l-iehor li jkun in buona fede. Inoltre, "Quod lex voluit lex dixit"; u l-ligi tghid biss"effetti civili" minghajr distinzjoni u ghalhekk tapplika il-massima legali li "quod lex non distinguere nec non distinguere debemus"

Illi minn qari tad-disposizzjoni in disamina, jirrizulta manifest li l-kriterju, jew ahjar l-ingredjent principali sabiex jissussisti zwieg putattiv, bejn il-konjugi, huwa l-esistenza tal-buona fede da parti taz-zewg konjugi jew da parti ta' wiehed biss. Fl-ewwel kaz l-effetti patrimonjali taz-zwieg civili " jitqiesu li kienu jezistu favur

il-mizewgin sakemm is-sentenza ta' nullita' tkun saret 'res judicata'...", fil-waqt li fit-tieni kaz, dawn l-effetti jissussistu biss favur il-konjugi in buona fede. F'dik il-kawza rrizulta li z-zwieg kien null unikament minhabba l-fatt li l-mara kienet issimulat il-kunsens ghaz-zwieg bl-eskluzjoni posittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali ghaz-zwieg, cioe' l-att taz-zwieg. Pero' l-Qorti rriteniet li ghalkemm l-attrici ma tistax tinvoka favur taghha l-ezistenza tal-komunjoni tal-akkwisti, dan ma ghandux jkun ta' ostakolu sabiex l-attrici tottjeni sehemha mill-gid akwistat bil-hidma taz-zewg partijiet tul il-kors taz-zwieg.

Kaz iehor fejn fil-mori ta' kawza ta ' separazzjoni personali, iz-zwieg tal-partijiet gie dikjarat null, u ghalhekk kien fadal li tinghata decizzjoni fuq l-aspett patrimonjali biss, kienu z-zewg kawzi tal-istess koppja decizi mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2011 fl-ismijiet " **Ernest Cilia vs Noelle mart Ernest Cilia,** " **Noelle mart Ernest Cilia vs Ernest Cilia".** F'dak il-kaz kien irrizulta illi ftit xhur qabel iz-zwieg, il-partijiet kienu xtraw bicca art fil-Wardija li fuqha bnew id-dar konjugali, gie ritenut li d-dar hi propjeta' tat-tnejn fi kwoti ndaqs bejniethom, u l-Qorti ordnat li l-propjeta' tinbiegh u r-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom. Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti dwar id-dar matrimonjali. Saret ukoll divizzjoni tal-effetti mobbili, rigali tat-tieg, self, u djun kanonizzati b'sentenzi.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Carmen Spiteri vs Renald Spiteri**" deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-21 ta' Novembru 2014, Citazzjoni Numru 1393/2003 l-attrici pprocediet b'kawza ta' separazzjoni personali kontra l-konvenut. Fil-pendenza tal-kawza b'sentenza tal-istess Qorti z-zwieg gie dikkjarat null ghal raguni imputabbli lir-ragel. Fis-sentenza tal-anullament gie stabbilit li z-zwieg kien null minhabba qerq adoperat mill-konvenut filwaqt li l-attrici kienet in 'buona fed'. Il-Qorti kellha dan xi tghid dwar l-Artikolu 20 tal-kap 255 :

" ….., u ghalhekk bis-sahha ta' dak li jghid l-Artikolu 20(1) u (3), ghalkemm iz-zwieg taghhom gie dikjarat null, xorta wahda "l-effetti ta' zwieg validu ghandhom jitqiesu li kienu jezistu" fil-konfront tal-attrici.. Ghaldaqstant il-komunjoni tal-akkwisti li kienet tezisti matul iz-zwieg, ghalkemm giet terminata bl-annullament taz-zwieg, xorta wahda legalment ghandha tqis li kienet tezisti tul il-perijodu sad-data tal-annullament, u li ghada tezisti dwar dak l-assi li l-partijiet akkwistaw matul iz-zwieg taghhom.

Ghalhekk mhux il-kaz li ser issir divizzjoni normali tal-assi li l-partijiet ghandhom in komuni, izda ser issir likwidazzjoni u divizjoni ta' assi li jiffurmaw il-komunjoni tal-akkwisti putattiva.

Kif gia' gie decis minn din il-Qorti " gjaladarba hemm komunjoni tal-akkwisti li ghad trid tigi likwidata u assenjata, allura dan ghandu jsehh skont id-

disposizzjonijiet tal-ligi kollha li jirregolaw din il-komunjoni, fosthom l-Artikolu 48(1) (c) tal.Kap 16, fi kliem iehor din il-Qorti ghandha il-kompitu li tezamina l-provi dwar is-separazzjoni, u tasal ghall-htija ghall-istess, biex mbaghad tiddetermina jekk dik il-htija hijiex tali li tattira l-applikazzjoni tal-Artikolu precitat."

B'sentenza fl-ismijiet **Edward De Gaetano vs Johanna De Gaetano** (citaz nru 1578/2001) moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Marzu 2016 il-Qorti laqghet l-appell tal-attrici appellanti u ddikjarat li skont l-interpretazzjoni tal-Artikolu 20 tal-Kap. 255 l-konvenut appellat ghandu jitlef il-beneficcji kollha ta' dak li sar bil-hila taghha.

Il-Qorti, inter alia qalet hekk; " Din il-Qorti thoss li dan l-aggravju tal-appellanti huwa gustifikat fis-sens li l-effetti ta' dan iz-zwieg ghandhom jitqiesu validi biss fir-rigward tal-appellanti izda mhux tal-appellat peress li kienet biss l-appellanti li kienet in buona fed". Peress li z-zwieg gie annullat minhabba l-mala fede tar-ragel huwa tilef id-dritt li jgawdi mid-dhul tal-mara li kienet in buona fede.

Hu mportanti ghalhekk li jigi determinat fil-kawza tal-annullament taz-zwieg, jekk dan kienx ir-rizultat ta' qerq ta' parti fil-konfront tal-parti l-ohra, jew jekk it-tnejn kienu in buona fede jew li it-tnejn kienu in mala fede.

Fil-kaz in ezami, s-sentenza tal-annullament deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fis-6 ta' Dicembru 2007[2] stabbilit li "f'dan il-kas din il-Qorti,wara li ezaminat il-provi kollha prodotti, tirravvisa il-" caput nullitatis" kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu (d) tal-Artikolu precitat, <u>fil-konfront taz-zewg partijiet</u>.(sottolinear tal-Qorti). Dan il-paragrafu jikkontempla bhala wahda mir-ragunijiet ghall-annullament taz-zwieg, il-kaz fejn "il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.."

Stabbilit illi l-ebda wahda mill-partijieit ma kienet in bona fede japplika ghall-kaz odjerna **s-sub inciz 4 tal-Artikolu 20 tal-Kap. 255** li jipprovdi illi : " *Jekk ebda waħda mill-partijiet ma kienet in bona fide l-effetti ta' żwieġ validu għandhom japplikaw biss favur l-ulied li jitwieldu jew konċepiti matul iż-żwieġ dikjarat null.* "

Isegwi ghalhekk illi l-ezercizzju ta' komputazzjoni li l-Qorti hi msejha li taghmel ser ikun ibbazat fuq il-binarju illi hadd mill-partijiet ma hu ser jibbenefika mill-effetti ta' zwieg validu. Dan jinnecessita ezercizzju fejn l-aspett patrimonjali ser jigi konsiderat daqs li kieku l-partijiet ma kienu qatt mizzewgin fejn kull parti

[2] Fol. 691

ghandha dritt li tirkupra kull kontribuzzjoni li tkun ghamlet, fejn id-dhul ta' kull parti ma jigi fl-ebda mument konsidrat bhala dhul komuni taz-zewg partijiet izda biss dhul ta' dik il-parti li tkun iggeneratu.

Il-partijiet zzewgu fil-11 ta' Lulju 1998, ftit xhur qabel, precizament fis-27 ta' Jannar 1998 b'kuntratt pubblikat minn Nutar Dottor Patrick Critien[3] il-partijiet xtraw u akkwistaw il-maisonette fil-pjan terran, li ggib in-numru tmienja ittra A (8A), b'faccata fuq Triq il-Gandoffla, Birzebbuga bil-prezz ta' LM18,000, li minhom l-Awtorita' tad-Djar kkoncediet sussidju ta' LM7,200 u l-ammont ta' LM9,720 thallas mill-Lohombus Bank Limited, ammont li gie misluf lill-partijiet fuq l-istess Att.

L-attrici tiddikjara[4] li skont stima tal-Perit Ian Cutajar tat-8 ta' Mejju 2006 il-propjeta' giet stmata li tiswa LM70,000 u l-valur tax-xogholijiet li saru fil-propjeta', skont stima tal-istess perit tad-9 ta' Mejju 2006 gew stmati fl-ammont ta' LM5,270. Dawn l-istimi ma gew bl-ebda mod kontestati mill-konvenut u l-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet raggunti sew mill-perit komputesta, u sew mill-perti legali, illi tali stimi ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni fil-komputazzjoni li ser issegwi.

**DIVIZJONI U ASSENJAZZJONI TAL-ASSI.**

Il-Perit Komputista, ghamel ezami dettaljat tad-dokumenti kollha ipprezentati biex jistabilixxi x'hallsu l-partijiet rispettivament sew fir-rigward tad-dar matrimonjali kif ukoll fir-rigward ta' spejjez ohra inkorsi rispettivament. Kif jirrizulta mir-rapport tal-perit komputista, precizament fil-konkluzzjonijiet finali minnu raggunti (fol. 1501) filwaqt li l-attrici harget is-somma globali ta' tnejn u hamsin elf, mija u tmienja u sebghin liri Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm52,178.58) ekwivalenti ghal mija u wiehed u ghoxrien elf, hames mija u tlieta u erbghin ewro u erbghin centezmu (**Euro 121,543.40**); il-konvenut hareg is-somma globali ta' hmistax-il elf sitt mija u tlieta u sebghin liri Maltin (Lm15,673.34) ekwivalenti ghal sitta u tletin elf, hames mija u disa ewro u sitt centezmi (**Euro 36,509.06**). Il-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-Perit Komputista u ghalhekk qed tadotthom sabiex jiffurmaw parti integrali mis-sentenza odjerna.

Isegwi ghalhekk illi l-attrici nefqet is-somma ta' hamsa u tmenin elf u erbgha u tletin ewro u erbgha u tletin centezmu (**Euro 85,034.34**) aktar mill-konvenut. Dan jirraprezenta kreditu li l-attrici ghandha dritt li tirkupra sabiex il-partijiet jitpoggew fl-istatus quo ante.

---

[3] Fol. 188, fol. 247 u fol. 695
[4] Fol. 113

Il-Qorti taqbel ukoll mar-rakkomandazzjonijiet tal-Perit Komputista u tal-Perit Legali fis-sens illi l-kreditu tal-attrici kif fuq spjegat jigi saldat billi jigi assenjat lilha in-nofs sehem indiviz tal-konvenut mill-fond immobiljari u dan tenut kont l-istima mhux kontestata li pprezentat l-attrici illi l-fond immobiljari de quo huwa tal-valur ta' sebghin elf liri Maltin (Lm70,000.00) ekwivalenti ghal mija u tlieta u sittin elf u tletin ewro (Euro 163,030). Sehem indiviz appartenenti lill-konvenut ghandu valur ta' **Euro 81,515.00**.

Jonqos li ssir id-divizzjoni tal-mobbli akkwistati sew qabel ic-cerimonja tat-tieg sew wara. Il-Qorti qed tadotta ir-rakkomandazzjonijiet maghmula mill-Perit Komputista f'pagna 14 tar-rapport minnu redatt (fol. 1513) u cioe'

Il-konvenut izomm il-Motorvan Tata Sumo nru ANT067 li kien xtara qabel ic-cerimonja tat-tieg.

Id-dghajsa "Sweet Carol" nru MFB 744 giet akkwistata bil-prezz ta' LM3,500 (Euro 7,454) u sar self personali mal-Bank of Valletta biex inxtrat. Kif jirrizulta mill-konkluzjonijiet tal-Perit Komputista (Fol 1535) l-attrici ikkontribwit l-ammont ta' LM 1,199.85 l-ekwivalenti ta' Euro 2,794.90, mentri l-konvenut ikkontribwixxa l-ammont ta' LM3,936.85 l-ekwivalenti ta' Euro 9,170.40. Din ghandha tigi assenjata lill-konvenut.

Il-vettura Kia Avella nru JBG213 valutata Euro 700 tigi assenjata lill-attrici.

Il-frejgatina stmata li tiswa Euro 1,048 tigi assenjata lill-konvenut.

Lill-konvenut jigu assenjati li l-mobbli mixtrija matul iz-zwieg deskritti fir-rapport bil-valur ta' Euro 466.00

Skont tali assenjazzjonijiet hemm dovuta s-somma ta' elf, sitt mija u wiehed u ghoxrien ewro (Euro 1,621) mill-attrici lill-konvenut.

Fir-rigward ta' dan l-ahhar ammont l-attrici fin-nota ta' kritika taghha a fol. 1589 tal-process tiddikjara li filwaqt li taqbel mal-konteggi maghmula mill-Perit Komputista inkluz il-likwidazzjoni tal-ammont appena msemmi ta' Euro 1,621.00, qed titlob li tali ammont ghandu jigi dikjarat mhux dovut ghaliex issostni illi ghall-falliment taz-zwieg kien jahti l-konvenut u peress li skont l-attrici l-konvenut ma kkontribwixxa "kwazi xejn ghall-komunjoni tal-akwisti ezistenti bejn il-Partijiet fil-perjodu fittizju kemm dam dan l-allegat zwieg". Fil-fehma tal-Qorti ir-ragunijiet imressqa mill-attrici fir-rigward m'ghandhom l-ebda fondament legali. Htija ghat-tkissir taz-zwieg annullat non centra f'din il-kwistjoni filwaqt li ghad-differenza sostanzjali bejn dak li kkontribwixxa l-konvenut ghal dak li kkontribwixxiet l-attrici qed tigi pjenament kompensata.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tikkonkludi illi tenut kont l-assenjazzjoni supra maghmula l-attrici ghandha thallas lill-konvenut is-somma ta' Euro 1,621.00

**SPEJJEZ GUDIZZJARJI.**

Skont l-**Artikolu 223 sub-inciz 1 tal-Kapitolu 12** tal-Ligijiet ta' Malta "Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż."

F'cirkostanzi ohra l-Qorti kienet tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez tal-kawza tenut kont li skont dak deciz huwa l-parti telliefa.

Izda tenut kont in-numru kbir ta' talbiet li l-attrici deherilha li taghmel fil-maggorparti taghhom inutili, superfluwi u fierha, il-Qorti tqis li ma tkunx qed taghmel gustizzja mal-partijiet jekk tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez tal-kawza.

F'kawza li suppost kellha l-bidu taghha bhala kawza ta' separazzjoni personali l-attrici resqet xejn anqas minn sbatax (17) il-talba. Huwa ovvju ghall-Qorti illi hafna mit-talbiet huma intizi sabiex jonfhu drastikament u inutilment il-quantum tal-ispejjez gudizzjarji. Dan mhux sew, m'ghandux ikun u jikkostitwixxi abbuz mill-process gudizzjarju. Ta' dan l-attrici ser tigi sanzjonata billi tigi kkundannata li l-ispejjez taghha taghmel tajjeb ghalihom hi.

Kif gie dikjarat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Mario Darmanin vs Analise Cassar**" deciza fil-31 ta' Ottubru 2014: "Taqbel maghha [mal-appellanti] wkoll li l-appellat ghamel hafna talbiet zejda fil-kawza u li hija ma ghandhiex tbati l-ispejjez tal-istess talbiet."

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza prevja li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici u tat-talbiet rikonvenzjonali fir-rigward ta' separazzjoni personali in vista tal-annullament taz-zwieg tal-partijeit fil-mori tal-kawza.

Tiddisponi mit-talbiet attrici u dawk rikonvenzjonali li jirreferu ghall-aspett patrimonjali tal-vertenza bil-mod segwenti:

1. Tordna l-assenjazzjoni ta' nofs indiviz tal-fond "Hollingworth", Triq il-Gandofla, Birzebbuga u l-garage adjacenti u sottopost appartenenti lill-konvenut lill-attrici sabiex il-fond de quo jsir proprjeta' esklussivament tal-attrici fl-intier

tieghu. Ghal dan il-ghan tinnomina lin-Nutar Dottor Patrick Critien sabiex jippubblika il-kuntratt ta' assenjazzjoni relattiv filwaqt li tinnomina lill-Avukat Dottor Mark Simiana sabiex jidher ghall-eventwali kontumaci. L-ispejjez konnessi ma' dan il-kuntratt ta' kariku tal-attrici.

2. Tordna lill-attrici thallas lill-konvenut is-somma ta' elf, sitt mija u wiehed u ghoxrin ewro (Euro 1,621) fuq imsemmija.

3. Tordna l-assenjazzjoni tal-mobbli bil-modalita' kif deciz supra taht l-intestatura "Divizjoni u Assenjazzjoni tal-Assi".

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**